**Regoli ta' Proċedura**
**Kompetizzjoni għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 f'Malta**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni") qiegħed hawnhekk jippubblika r-Regoli ta' Proċedura għall-Kompetizzjoni għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 f'Malta.

**Artikolu 1**
**Dispożizzjonijiet introduttorji**

1. Ir-Regoli ta' Proċedura jiddefinixxu r-regoli li jikkonċernaw l-arranġamenti tal-kompetizzjoni għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 f'Malta u b'mod partikolari l-kompożizzjoni, is-sħubija u l-attivitajiet tal-Panel ta' Esperti mwaqqaf għall-proċedura tal-għażla (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Panel").
2. Il-Panel għandu jasal għal qbil dwar lista mqassra ta' bliet kandidati u, wara l-laqgħa tal-għażla tal-aħħar, jirrakkomanda belt waħda għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, ħlief f'każ li l-ebda belt ma tkun tissodisfa l-kriterji kollha.
3. Il-korp responsabbli għall-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kompetizzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Awtorità Maniġerjali") huwa l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

**Artikolu 2**
**Kompożizzjoni tal-Panel**

1. Il-Panel għandu jkollu 12-il membru. L-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej għandhom jaħtru 10 membri – il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jagħżlu tliet membri u l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jagħżel membru wieħed tal-Panel. Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali għandu jaħtar żewġ membri f'konformità mal-proċedura tal-Awtorità Maniġerjali u b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea.

2. Il-Panel għandu jitmexxa minn president, li għandu jkollu bħala deputat viċi-president f'każ tal-assenza tiegħu. Il-president għandu jkun wieħed mill-membri maħtura mill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej.

3. Il-president u l-viċi-president għandhom jiġu nnominati mill-membri tal-Panel fil-bidu tal-laqgħa ta' qabel l-għażla, preferibbilment bi qbil.

4. Jekk ma jintlaħaqx qbil, għandu jittieħed vot. Il-president u l-viċi president għandhom jiġu eletti permezz ta' vot sigriet. Il-karti tal-voti għandhom jiġu pprovduti mill-Awtorità Maniġerjali, li għandha tmexxi u tissorvelja l-votazzjoni. Il-president u l-viċipresident għandhom ikunu l-kandidati li jirċievu l-voti tal-maġġoranza mill-membri tal-Panel preżenti.

5. Jekk l-ebda kandidat ma jirċievi l-voti tal-maġġoranza tal-membri tal-Panel fl-ewwel għadd tal-voti, għandu jsir it-tieni għadd fost iż-żewġ kandidati bl-akbar ammont ta' voti.

## Artikolu 3
## Sħubija fil-Panel

1. Il-membri tal-Panel ma jistgħux jinbidlu ħlief fil-każijiet li jissemmew fil-paragrafu 4 hawn taħt.
2. Il-membri tal-Panel għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni. Bħala membri tal-Panel, għandhom jaħdmu b'mod indipendenti, f'kapaċità personali u mhux f'isem xi organizzzzjoni. Għandu jkollhom biżżejjed esperjenza u għarfien espert fis-settur kulturali, fl-iżvilupp kulturali tal-bliet jew fl-organizzazzjoni ta' avveniment ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura jew avveniment kulturali internazzjonali ta' kamp ta' applikazzjoni u skala simili. Għandhom ikunu wkoll f'pożizzjoni li jiddedikaw numru xieraq ta' ġranet tax-xogħol għall-Panel. Impjegati tal-Awtorità Maniġerjali ma jistgħux ikunu membri tal-Panel.
3. Il-membri tal-Panel għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fuq l-unur li ma għandhomx xi kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-bliet kandidati li applikaw għat-titlu ta' Kaptali Ewropea tal-Kultura, kemm qabel il-laqgħa ta' qabel l-għażla kif ukoll fil-laqgħa ta' wara l-għażla. L-Awtorità Maniġerjali għandha terfa' d-dikjarazzjoni oriġinali ta' kull membru tal-Panel.
4. Hija r-responsabbiltà tal-membri tal-Panel li javżaw dwar tibdil fid-dmirijiet professjonali jew privati tagħhom li jistgħu joħolqu xi kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali fir-rigward ta' belt kandidata speċifika. Fil-każ ta' tali dikjarazzjoni minn membru, jew jekk ikun hemm xi tali kunflitt ta' interess, dak il-membru għandu jirreżenja u l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jew Stat Membru rilevanti għandhom jibdlu lil dak il-membru għall-kumplament tal-mandat, f'konformità mal-proċedura rilevanti.
5. Għall-fini tal-proċedura tal-għażla, is-sħubija tal-membri tal-Panel appuntati mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali tiskadi:
   a. Mat-tlestija tax-xogħol marbut mal-proċedura tal-għażla,
   b. Ma' reżenja mis-sħubija,
   c. Mat-terminazzjoni tal-isħubija,
   d. Mal-mewt ta' membru.

6. Il-Ministru jista' jwaqqaf l-appuntar ta' membru tal-Panel li jkun apponta jekk:
    a. Dak il-membru ma jiħux sehem fl-ewwel fażi tal-kompetizzjoni mingħajr spjegazzjoni sodisfaċenti bil-miktub,
    b. Dak il-membru jikser ir-rekwiżiti ta' nondivulgazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 ta' dawn ir-regoli,
    c. Dak il-membru jonqos milli jirreżenja jekk ikun hemm kunflitt ta' interess. F'dak il-każ, jekk il-Ministru jqis li huwa xieraq, il-Ministru jista' japponta sostitut.

## Artikolu 4
## Laqgħat tal-Panel

1. Il-laqgħat tal-Panel għandhom jissejħu mill-Awtorità Maniġerjali. Għandhom jintbagħtu inviti għall-ewwel fażi tal-għażla bil-miktub lir-rappreżentanti tal-bliet li rrispondew għas-sejħa għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"sejħa" billi tintbagħat applikazzjoni sal-iskadenza msemmija fis-sejħa. Il-bliet magħżula mill-Panel fil-lista mqassra se jkunu mistiedna jieħdu sehem fl-għażla finali permezz ta' invit biex jissottomettu l-applikazzjonijiet kompluti u riveduti.
2. L-Awtorità Maniġerjali għandha tipprovdi l-għajnuna teknika u loġistika kollha meħtieġa għax-xogħol tal-Panel waqt il-laqgħat.
3. Il-laqgħat tal-Panel m'għandhomx ikunu miftuħa għall-pubbliku. Rappreżentanti tal-Awtorità Maniġerjali u tal-Kummissjoni Ewropea għandhom dritt jieħdu sehem fil-laqgħat bħala osservaturi. Jistgħu jiġu mistiedna jattendu persuni oħra jekk ikun hemm qbil bejn il-membri kollha tal-Panel preżenti.
4. Il-president tal-Panel jew, fl-assenza tiegħu, il-viċi president, għandu jmexxi l-laqgħa u jkun responsabbli għall-proċedimenti.
5. Il-votazzjoni fil-Panel m'għandhiex tkun sigrieta. Il-voti għandhom jittieħdu b'turija tal-idejn jew verbalment.
6. Il-membri tal-Panel m'għandhomx jiżvelaw kwistjonijiet relatati ma applikazzjonijiet individwali u rakkomandazzjonijiet tal-Panel relatati mal-kandidatura tal-bliet qabel l-għażla finali. Madankollu, il-president jew, fl-assenza tiegħu, il-viċi president, jista' jirrispondi domandi verbali minn bliet kandidati wara l-laqgħa ta' qabel l-għażla.
7. Il-lingwa użata fuq il-Panel se tkun l-Ingliż.
8. Wara kull laqgħa tal-Panel, għandu jiġi abbozzat rapport bl-Ingliż minn relatur magħżul minn fost il-membri bil-qbil tal-membri kollha tal-Panel.

## Artikolu 5
## Qabel l-għażla

1. L-Awtorità Maniġerjali għandha tibgħat l-applikazzjonijiet riċevuti mill-bliet kandidati lill-membri kollha tal-Panel u lill-Kummissjoni Ewropea.

2. L-Awtorità Maniġerjali għandha tistieden lill-bliet kandidati jibagħtu delegazzjoni għal laqgħa ta' qabel l-għażla għal seduta. Il-bliet huma liberi li jiddeċiedu lil min jibagħtu biex jippreżenta l-kandidatura tagħhom, sakemm id-delegazzjoni tkun limitata għal massimu ta' 10 persuni. Il-bliet jistgħu jġibu magħhom it-tekniku tagħhom. F'dan il-każ, it-tekniku mhux ser jingħadd bħala membru tad-delegazzjoni, sakemm hu jew hi ma jitkellmux waqt is-seduta.
3. Il-laqgħa ta' qabel l-għażla se ssir ftit ġimgħat qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.
4. Is-seduta se tinkludi:
    a. presentazzjoni orali minn kull belt kandidata, li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kandidatura tagħha, b'limitu ta' ħin ta' 45 minuta,
    b. Sessjoni ta' mistoqsija/tweġiba bejn il-Panel u kull belt kandidata, b'limitu ta' ħin ta' 45 minuta.
5. Il-lingwa tas-seduta se tkun l-Ingliż.
6. Mhumiex permessi żjarat mill-Panel lejn il-bliet kandidati qabel il-laqgħa ta' qabel l-għażla.
7. Il-Panel għandu jivvaluta l-bliet kandidati abbażi tal-applikazzjonijiet u s-seduti tagħhom kontra l-objettivi u l-kriterji stipulati fid-Deċiżjoni.
8. Wara s-seduti, il-Panel għandu jiddiskuti l-merti ta' kull belt u għandu jasal għal qbil dwar lista mqassra ta' bliet kandidati li għandhom ikunu mistiedna jirrevedu u jkomplu l-applikazzjoni tagħhom waqt il-fażi tal-għażla. Il-Panel għandu jressaq 'il quddiem biss bliet li jqis li tassew għandhom ċans li jirċievu r-rakkomandazzjoni tiegħu fil-fażi tal-għażla finali.
9. Il-Panel għandu jipprova jilħaq qbil dwar liema bliet se jagħżel minn qabel. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista mqassra ta' bliet magħżula minn qabel għandha tkun magħmula abbażi ta' vot. Għal kull belt kandidata, kull membru tal-Panel għandu jivvota favur jew kontra li din tiġi inkluża fil-lista mqassra. Id-deċiżjoni dwar jekk belt tkunx miżjuda fil-lista mqassra jew le għandha tittieħed permezz ta' vot ta' maġġoranza bejn il-membri tal-Panel preżenti. Fl-eventwalità ta' numru ugwali ta' voti, il-president jitfa' l-vot deċiżiv u, fl-assenza tiegħu, il-viċi president.
10. Il-Panel kollu kemm hu għandu jaqbel mad-deċiżjoni finali.
11. Il-lista mqassra mfassla mill-Panel se tiġi mħabbra waqt attività għall-istampa wara l-laqgħa ta' qabel l-għażla.
12. Il-Panel għandu jipproduċi rapport li jinkludi valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjonijiet kollha, il-lista mqassra ta' bliet kandidati li għandhom jiġu kkunsidrati aktar kif ukoll rakkomandazzjonijiet għal dawk il-bliet.
13. Il-Panel għandu jwassal dan ir-rapport lill-Awtorità Maniġerjali u lill-Kummissjoni Ewropea fil-prinċipju sa mhux aktar tard minn 21 jum tax-xogħol wara l-laqgħa ta' qabel l-għażla.
14. Il-Ministeru għall-Kultura għandu japprova formalment il-lista mqassra abbażi tar-rapport tal-Panel.

15. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Maniġerjali t-tnejn għandhom jippubblikaw ir-rapport tal-Panel fuq is-siti web rispettivi tagħhom.
16. L-Awtorità Maniġerjali għandha tibgħat ittra lill-bliet kandidati kollha fil-lista mqassra u tistedinhom ikomplu u jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom u tindika skadenza għas-sottomissjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet.

**Artikolu 6**
**Għażla finali**

1. Il-bliet kandidati fil-lista mqassra għandhom ikomplu u jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom bil-għan li jkomplu jikkonformaw aktar mal-kriterji tad-Deċiżjoni kif ukoll filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet li għamlilhom il-Panel fir-rapport ta' qabel l-għażla.
2. L-Awtorità Maniġerjali għandha tibgħat l-applikazzjonijiet kompluti u riveduti riċevuti lill-bliet magħżula minn qabel lill-membri kollha tal-Panel u lill-Kummissjoni Ewropea.
3. Jekk il-Panel ikun jixtieq iżur il-bliet magħżula minn qabel, iż-żjarat għandhom isiru wara l-iskadenza tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet kompluti u riveduti, u qabel il-laqgħa tal-għażla finali. Minn żewġ sa erba' membri tal-Panel se jkunu delegati biex jirrappreżentaw lill-kumplament tal-Panel matul dawn iż-żjarat. Mill-inqas membru wieħed tad-delegazzjoni għandu jkun membru tal-Panel appuntat minn istituzzjoni Ewropea jew korp Ewropew. Għandu jiġi żgurat trattament indaqs bejn il-bliet magħżula minn qabel kollha, li jfisser li, f'dan il-każ, ir-rappreżentanti jridu jżuru l-bliet kollha magħżula minn qabel. Ma jistgħux jiġu aċċettati stediniet individwali mill-bliet ikkonċernati. Iż-żjarat għandhom jiġu organizzati mill-bliet ikkonċernati flimkien mal-Awtorit Maniġerjali. Iż-żjara f'kull belt għandha tieħu bejn wieħed u ieħor ġurnata.
4. L-Awtorità Maniġerjali għandha tistieden lill-bliet jibagħtu delegazzjoni għal-laqgħa tal-għażla finali għal seduta. Il-bliet huma liberi li jiddeċiedu lil min jibagħtu biex jippreżenta l-kandidatura tagħhom, sakemm id-delegazzjoni tkun limitata għal massimu ta' 10 persuni. Il-bliet jistgħu jġibu magħhom it-tekniku tagħhom. F'dan il-każ, it-tekniku mhux ser jingħadd bħala membru tad-delegazzjoni, sakemm hu jew hi ma jitkellmux waqt is-seduta.
5. Il-laqgħa tal-għażla finali għandha sseħħ mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-laqgħa ta' qabel l-għażla. Fejn neċessarju, l-Awtorità Maniġerjali, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, tista' testendi dik l-iskadenza għal perjodu raġonevoli.
6. Is-seduta se tinkludi:
    a. Preżentazzjoni orali minn kull belt kandidata, li tagħti l-aktar ħarsa preċiża u aġġornata lejn il-kandidatura tagħha, b'limitu ta' ħin ta' 45 minuta;
    b. Sessjoni ta' mistoqsija/tweġiba bejn il-Panel u kull belt kandidata, b'limitu ta' ħin ta' 60 minuta.
7. Il-lingwa tas-seduta għandha tkun l-Ingliż.

8. Il-Panel għandu jivvaluta l-bliet kandidati fil-lista mqassra abbażi tal-applikazzjonijiet riveduti u s-seduta kontra l-objettivi u l-kriterji stipulati fid-Deċiżjoni.
9. Il-Panel għandu jfittex li jirrakkomanda belt waħda għat-titlu bi qbil. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, id-deċiżjoni li tikkonċerna din il-belt għandha tittieħed abbażi ta' vot ta' maġġoranza mill-membri tal-Panel preżenti. Kull membru tal-Panel għandu vot wieħed u jagħtih lil belt waħda. Jekk l-ebda waħda mill-bliet magħżula minn qabel ma ġġib il-maġġoranza tal-voti fl-ewwel għadd, għandu jsir it-tieni għadd. Iż-żewġt ibliet kandidati bl-ogħla numru ta' voti tal-membri tal-Panel preżenti u dawk li jkunu ġabu l-istess ammont ta' voti jgħaddu għat-tieni għadd tal-voti. Biex tiġi adottata deċiżjoni fit-tieni għadd tal-voti, għandu jkollha l-appoġġ tal-maġġoranza tal-membri tal-Panel preżenti.
10. F'każ li jkun hemm bżonn tat-tielet għadd tal-voti, il-belt bl-inqas numru ta' voti tiġi eliminata. F'każ ta' numru indaqs ta' voti bejn żewġ kandidati jew aktar għall-belt bl-inqas numru ta' voti, il-president tal-Panel, jew fl-assenza tiegħu, il-viċi president għandu jkollu l-vot finali dwar liema belt għandha tiġi eliminata qabel it-tielet għadd tal-voti.
11. Jekk, wara t-tielet għadd, l-ebda belt ma tilħaq il-maġġoranza, għadd sussegwenti jsegwi l-proċedura ta' hawn fuq. Fl-eventwalità ta' numru ugwali ta' voti fir-raba' għadd, il-president jitfa' l-vot deċiżiv u, fl-assenza tiegħu, il-viċi president.
12. Jekk l-ebda waħda mill-bliet kandidati ma tissodisfa l-kriterji, il-Panel jista' jirrakkomanda li t-titlu ma jingħatax.
13. Il-Panel kollu kemm hu għandu jaqbel mad-deċiżjoni finali.
14. L-għażla tal-Panel se tiġi mħabbra waqt attività għall-istampa wara l-laqgħa tal-għażla finali.
15. Il-Panel għandu joħroġ rapport ta' valutazzjoni ġenerali dwar l-applikazzjonijiet tal-bliet inklużi fil-lista mqassra kollha u rakkomandazzjoni debitament iġġustifikata għan-nomina ta' belt waħda bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-belt magħżula rigward il-progress li għandu jsir sas-sena tat-titlu, jekk din tkun innominata formalment bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura. Għandu wkoll jiġbed l-attenzjoni lejn il-mistoqsijiet imqajma mill-Panel matul l-ewwel laqgħa ta' monitoraġġ.
16. Il-Panel għandu jwassal ir-rapport tiegħu lill-Awtorità Maniġerjali u lill-Kummissjoni Ewropea fil-prinċipju sa mhux aktar tard minn 21 jum tax-xogħol wara l-laqgħa tal-għażla finali. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Maniġerjali t-tnejn għandhom jippubblikaw ir-rapport tal-għażla tal-Panel fuq is-siti web rispettivi tagħhom.
17. Il-Ministeru għall-Kultura għandu jinnomina belt waħda biex tkun Kapitali Ewropea tal-Kultura, abbażi tar-rakkomandazzjoni tar-rapport tal-għażla tal-Panel, u għandu jinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni b'dik in-nomina.

**Artikolu 7**
**Dispożizzjonijiet finali**

1. L-ispejjeż imġarrba għall-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-membri tal-Panel appuntati mill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej se jkunu koperti mill-Kummissjoni Ewropea.
2. Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data meta jiġu ffirmati mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

7 ta' Ottubru, 2024

Owen Bonnici
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

.linistry for the National Heritage,
the Arts and Local Government